# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK

ippreżentati fl-10 ta' Jannar 2008 [1]

## I — Introduzzjoni

1. Wara li tressqet kawża bejn Heinrich Bauer Verlag Beteiligungs GmbH (iktar 'il quddiem "HBV") u l-Finanzamt für Großunternehmen in Hamburg (iktar 'il quddiem il-"Finanzamt") fil-kuntest tal-iffissar tal-valur tal-ishma tal-holdings ta' HBV f'żewġ soċjetajiet, waħda stabbilita fi Spanja, l-oħra fl-Awstrija, fis-sena fiskali 1988, il-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, fuq il-kompatibbiltà, mal-libertà ta' stabbiliment, ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprovdu għall-għoti ta' valur ogħla lill-ishma f'soċjetajiet stabbiliti fi Stati Membri oħra minn dak mogħti lill-ishma f'soċjetajiet stabbiliti ġewwa l-pajjiż.

## II — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Id-dritt Komunitarju*

2. Skont l-Artikolu 52 tat-Trattat KEE (li, wara li ġie emendat, sar l-Artikolu 43 KE):

"Fil-qafas tad-disposizzjonijiet ta' hawn taħt ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' l-istabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandhom jiġu aboliti progressivament [...]. Tali abolizzjoni progressiva għandha testendi ruħha wkoll għal restrizzjonijiet fuq it-twaqqif ta' aġenziji, fergħat u sussidjarji, minn ċittadini ta' Stat Membru stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Il-libertà ta' l-istabbiliment tinkludi d-dritt li tibda u teżerċita attivitajiet bħala persuna li taħdem għal rasa, kif ukoll li tikkostitwixxi u tmexxi impriżi u b'mod partikolari kumpanniji li jaqgħu taħt it-tifsira ta' l-Artikolu 58, paragrafu 2, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-liġijiet tal-pajjiż ta' l-istabbiliment, għaċ-ċittadini tiegħu stess, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu dwar il-kapital".

3. Skont l-Artikolu 58 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 48 KE):

"Il-kumpanniji jew ditti stabbiliti in konformità mal-liġijiet ta' Stat Membru u li jkollhom

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

l-uffiċju reġistrati jew it-tmexxija ċentrali jew is-sede prinċipali ġewwa l-Komunità, għandhom, għall-fini ta' dan il-Kapitolu ikunu meqjusa bħala persuni naturali ċittadini ta' l-Istati Membri.

Kumpanniji jew ditti' ifissru kumpanniji jew ditti stabbiliti skond il-liġijiet ċivili jew kummerċjali, inklużi s-soċjetajiet kooperattivi u persuni ġuridiċi oħra regolati bid-dritt pubbliku jew privat, ħlief għal dawk bla skop ta' qliegħ".

B — *Id-dritt nazzjonali*

4. Jirriżulta mid-domanda preliminari li, filkuntest tal-valutazzjoni tal-ishma ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju mhux ikkwotati għall-finijiet li tiġi stabbilita t-taxxa fuq il-kapital, il-valutazzjoni tal-holdings ta' dawn il-kumpanniji f'soċjetajiet nazzjonali ssir sempliċement fuq il-bażi tal-valur tal-assi tagħhom, filwaqt li, għas-soċjetajiet barranin, il-valutazzjoni ssir fuq il-bażi tal-valur tas-suq. Jekk il-valur tas-suq ma jistax jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-bejgħ li seħħ inqas minn sena qabel, il-valur tas-suq jiġi stmat fuq il-bażi tal-valur tal-assi u tar-redditu probabbli tal-kumpannija kkonċernata.

5. Iktar preċiżament, il-qorti tar-rinviju tispjega li, skont l-Artikolu 11(2) tal-Liġi fuq il-valutazzjoni tal-beni, (Bewertungsgesetz, iktar 'il quddiem il-"BewG") [2], l-ishma talkumpanniji b'kapital azzjonarju mhux ikkwotati huma valutati fuq il-bażi tal-valur tas-suq tagħhom ("gemeiner Wert"). Jekk dan il-valur ma jistax jiġi stmat b'referenza għal bejgħ magħmul fit-tnax-il xahar qabel il-valutazzjoni, dan isir fuq il-bażi tal-assi u tar-redditu probabbli tal-kumpannija b'kapital azzjonarju (it-tieni sentenza tal-Artikolu 11(2) tal-BewG).

6. Għall-valutazzjoni tal-holdings f'kumpanniji nazzjonali, l-amministrazzjoni tistabbilixxi l-valur tas-suq tal-ishma ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju mhux ikkwotati skont il-prinċipji tal-"metodu ta' Stuttgart" [3]. Il-punt tat-tluq tad-determinazzjoni tal-valur tal-assi huwa dak tal-valur individwali tal-assi tan-negozju (Artikolu 109(2) tal-BewG). Skont din id-dispożizzjoni, il-holdings f'soċjetajiet li jagħmlu parti minn assi tan-negozju ta' impriża huma valutati skont il-valur individwali tagħhom stabbilit għal dan il-għan skont l-Artikolu 19(3)(2) tal-BewG.

7. F'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, il-valutazzjoni tal-holdings f'impriżi barranin, l-Artikolu 31 tal-BewG jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-ewwel parti tal-BewG, b'mod

2 — Bewertungsgesetz tat-30 ta' Mejju 1985 (*Bundesgesetzblatt*, Teil I, p. 845).

3 — Skont l-Artikoli 76 *et seq* tal-VStR (Vermögenssteuerrichtlinie) tal-1986.

partikolari l-Artikolu 9 (valur tas-suq) japplikaw għall-valutazzjoni tal-beni tanġibbli barranin. Skont l-Artikolu 9(2) tal-BewG, il-valur tas-suq jikkorrispondi għall-prezz li jinkiseb f'każ ta' bejgħ, jiġifieri l-valur tas-suq.

## III — Il-kawża prinċipali u t-talba għal deċiżjoni preliminari

8. HBV hija kumpannija b'responsabbiltà limitata (Gesellschaft mit beschränkter Haftung, iktar 'il quddiem "GmbH") mhux ikkwotata fil-borża u li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fil-Ġermanja. L-ishma kollha tal-kapital tagħha huma proprjetà tal-kumpannija parent tagħha, is-soċjetà inakkomandita sempliċi Heinrich Bauer Verlag KG, li ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"intervenjenti").

9. Il-kawża bejn HBV u l-Finanzamt Hamburg tressqet fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ishma ta' HBV għall-finijiet li tiġi stabbilita t-taxxa fuq il-kapital li l-parti intervenjenti għandha tħallas bħala proprjetarja tal-imsemmija ishma u tikkonċerna l-valur stabbilit għall-holdings ta' HBV f'żewġ soċjetajiet inakkomandita sempliċi: is-soċjetà Spanjola Bauer Ediciones Sociedad en Commandita (iktar 'il quddiem "HBE"), li HBV hija soċju akkomandant tagħha u li hija kkunsidrata mid-dritt fiskali Ġermaniż bħala soċjetà, u s-soċjetà Awstrijaka Basar Zeitungs- und Verlagsgesellschaft GmbH und Co. KG (iktar 'il quddiem "WBC"), li HBV għandha l-ishma kollha tagħha.

10. B'mod iktar partikolari, il-partijiet filkawża prinċipali ma jaqblux fuq l-iffissar talvalur tal-holdings ta' HBV f'HBE u f'WBC matul is-sena inkwistjoni, l-1988. Il-Finanzamt kien stabbilixxa l-valur tal-ishma ta' HBV f'HBE fis-somma ta' DEM 17 101 512 u dawk ta' HBV f'WBC fis-somma ta' DEM 5 565 955. Min-naħa tagħha, ir-rikorrenti tistma l-ishma tagħha f'HBE fis-somma ta' DEM 920275.45 u f'WBC fis-somma ta' DEM 5251345.42.

11. Din id-differenza hija attribwita għall-fatt li kull waħda mill-partijiet titlaq minn prinċipju differenti sabiex tikkalkula l-valur talholdings f'soċjetajiet barranin. Filwaqt li l-Finanzamt jieħu inkunsiderazzjoni, għallfinijiet tal-imsemmija stima, mhux biss il-valur tal-assi, jiġifieri l-valur intrinsiku ta' dawn is-soċjetajiet, iżda wkoll ir-redditi probabbli tagħhom, ir-rikorrenti tqis li huwa biss il-valur intrinsiku tas-soċjetajiet li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni.

12. Peress li l-ilment tagħha ġie miċħud, ir-rikorrenti kkontestat id-deċiżjoni tal-Finanzamt quddiem il-Finanzgericht Ham-

burg, li ressaq domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

13. Għal dak li jikkonċerna l-holding tal-HBV f'HBE, il-qorti tar-rinviju tirrileva li d-differenza fil-metodu ta' valutazzjoni ta' holding f'soċjetà nazzjonali u f'soċjetà barranija twassal għall-iffissar ta' valuri differenti. L-ammont tal-valutazzjoni tal-holdings jaffettwa direttament l-ammont tal-piż fiskali tal-HBV bħala taxxa fuq il-kapital. Ir-restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tista' tirriżulta mill-fatt li l-holding barra mill-pajjiż jingħata valur ogħla mill-holding f'soċjetà nazzjonali. Restrizzjoni bħal din tista' tkun ammessa biss jekk hija tħaddan għan leġittimu kompatibbli mat-Trattat KE. Issa l-qorti nazzjonali ma tara l-ebda ġustifikazzjoni għal eventwali restrizzjoni għal din il-libertà, la mill-aspett ta' "diffikultajiet fil-verifika tal-fatti" u lanqas minn dak tal-koerenza.

14. Għal dak li jirrigwarda l-ishma li għandha HBV f'WBC, il-qorti tar-rinviju tqis li la l-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 52 tat-Trattat u lanqas id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea tat-2 ta' Mejju 1992 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE") [4] ma huma applikabbli għas-sena 1988, billi r-Repubblika tal-Awstrija ilha tifforma parti mill-Unjoni Ewropea biss mill-1 ta' Jannar 1995 u l-Ftehim ŻEE daħal fis-seħħ biss fl-1 ta' Jannar 1994.

15. Il-qorti tar-rinviju fl-aħħar nett teskludi, *a priori*, li seħħ ksur tal-moviment liberu tal-kapital, billi d-dispożizzjonijiet fis-seħħ f'dan il-qasam fil-perijodu inkwistjoni ma kinux jipprojbixxu d-differenza fil-valutazzjoni bejn holding f'soċjetà nazzjonali u holding f'soċjetà stabbilita fi Stat Membru jew fi Stat terz.

16. Il-Finanzgericht Hamburg għalhekk iddeċieda li jissospendi l-proċeduri sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar id-domanda preliminari segwenti:

"Il-fatt li, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ishma mhux ikkwotati f'kumpanniji b'kapital azzjonarju, holding f'soċjetà nazzjonali jingħata valur iktar baxx minn dak ta' holding f'soċjetà stabbilita fi Stat Membru ieħor, imur kontra d-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikoli 52 u 58 tat-Trattat KEE/Trattat KE, li saru l-Artikoli 43 KE u 48 KE?"

4 — Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea — Att finali — Dikjarazzjonijiet Konġunti — Dikjarazzjonijiet tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunità u tal-Istati tal-EFTA — Arranġamenti — Verbali miftiehma — Dikjarazzjonijiet ta' waħda jew iżjed mill-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU 1994, L 1, p. 3) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

**IV — Osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja**

17. HBV issostni li hija l-unika proprjetarja tal-ishma ta' bosta soċjetajiet stabbiliti fi Stati Membri oħra. Dawn il-holdings jagħtuha l-possibbiltà li tikkontrolla u tmexxi l-kumpannija u b'hekk jippermettulha teżerċità d-dritt ta' stabbiliment tagħha.

18. Il-fatt li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża għandha l-effett, għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kapital, li tagħti valur lill-assi barranin li huwa ogħla mill-assi nazzjonali komparabbli jammonta għal restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment. Issa restrizzjoni bħal din tista' tiġi ammessa biss bil-kundizzjoni li tħaddan għan leġittimu u kompatibbli mat-Trattat u tkun ġustifikata b'raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, li ma jeżistux f'dan il-każ.

19. Għal dak li jirrigwarda l-effettività tal-verifiki fil-qasam fiskali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq il-bażi tad-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE [5], iduru fuq l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, sabiex jiksbu l-informazzjoni kollha li tista' tippermettilhom jistabbilixxu korrettament it-taxxa li għandha titħallas minn persuna taxxabbli. Minbarra dan, il-konvenzjonijiet fiskali applikabbli sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja jinkludu dispożizzjonijiet fuq l-iskambju ta' informazzjoni għal dak li jirrigwarda t-taxxa fuq il-kapital.

20. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni, li għandha l-effett, għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kapital, li tagħti valur lill-assi barranin li huwa ogħla minn dak ta' assi nazzjonali komparabbli, tammonta għal restrizzjoni, mhux ġustifikata, għall-moviment liberu tal-kapital.

21. HBV tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi lid-domanda preliminari kif ġej:

"L-Artikoli 52 u 58 tat-Trattat KE (li, wara li ġew emendati, saru l-Artikoli 43 KE u 48 KE) jipprekludu leġiżlazzjoni fiskali li, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ishma mhux ikkwotati ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju, filwaqt li kull ħaġa oħra tkun ugwali, tagħti lill-holdings f'soċjetà barranija valur ogħla minn dak ta' holdings f'soċjetà nazzjonali.

Minbarra dan, l-Artikoli 73b u 73d tat-Trattat KE (li saru l-Artikoli 56 KE u 58 KE) jipprekludu wkoll valutazzjoni ogħla

5 — Direttiva tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1977 dwar għajnuna reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta (ĠU L 336, p. 15), fis-seħħ fl-1988.

u konsegwentement tassazzjoni ogħla tal-ishma ta' soċjetajiet barranin meta mqabbla mal-ishma ta' soċjetajiet nazzjonali."

22. Skont il-Finanzamt, it-trattament fiskali tar-rikorrenti ma jqegħdhiex fi żvantaġġ fil-konfront ta' impriżi komparabbli li għandhom holdings f'soċjetajiet nazzjonali. Għall-kuntrarju, f'dawn iż-żewġ gruppi, ir-riżultat miksub għall-finijiet tal-valutazzjoni huwa identiku.

23. Il-valutazzjoni tas-soċjetà Spanjola, magħmula skont l-Artikolu 11(2) tal-BewG fuq il-bażi tal-metodu ta' Stuttgart, ċertament ikollha l-effett li tinkludi r-redditi probabbli tagħha fid-determinazzjoni tal-valur tal-assi, iżda fuq livell tekniku, il-valutazzjoni tal-ishma ta' soċjetajiet nazzjonali fl-aħħar mill-aħħar ma tkunx differenti. Fil-fatt, meta kumpannija b'kapital azzjonarju jkollha ishma f'soċjetà nazzjonali, id-dħul ta' din tal-aħħar jkun diġà direttament affettwat bħala dħul tagħha proprju u b'hekk jaffettwa direttament il-valur tar-redditu.

24. Id-differenza bejn il-valur iffissat mill-konvenuta ta' DEM 17.1 miljun u dak sostnut mir-rikorrenti ta' DEM 0.9 miljun ma tinsabx fid-differenza fil-metodu fir-rigward tal-valutazzjoni tal-valuri. Għall-kuntrarju, hija tista' tiġi spjegata mid-deprezzament għal telf tar-rikorrenti fuq l-ispejjeż tax-xiri tas-soċjetà matul l-ewwel tliet snin wara li ġiet imwaqqfa. Telf bħal dan (atipiku, marbut mat-twaqqif tas-soċjetà) ma jistax jiġġustifika li jiġi affettwat il-valur tas-suq, ħlief sabiex dan jiġi ddeformat b'mod inġustifikat. Il-fundatur ta' kumpannija b'kapital azzjonarju għalhekk jattribwixxi għal ċertu żmien lill-ishma tagħha l-istess valur li huwa jkun nefaq sabiex ġiet stabbilita din il-kumpannija.

25. Anki jekk jitqies li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li teżisti restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment jew għall-moviment liberu tal-kapital, din ir-restrizzjoni tkun ġustifikata. Id-determinazzjoni tal-valur tal-assi ta' HBE permezz tal-inklużjoni tar-redditi probabbli tagħha hija neċessarja għall-finijiet tas-sistema fiskali sabiex tiġi żgurata l-omoġeneità tat-tassazzjoni tas-sitwazzjonijiet fattwali simili. Fin-nuqqas tal-inklużjoni tar-redditu probabbli fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ishma tar-rikorrenti, l-ishma li għandha f'soċjetajiet barranin ikunu ffavoriti. Fil-kuntest tal-valutazzjoni, id-dħul tas-soċjetajiet nazzjonali dejjem jittieħed inkunsiderazzjoni peress li huwa jiġi imputat direttament lid-dħul tal-kumpannija b'kapital azzjonarju li għandha holding fihom.

26. Il-Finanzamt jitlob li d-domanda preliminari tiġi fformulata b'mod differenti, billi d-domanda tal-Finanzgericht Hamburg hija bbażata fuq il-premessa li holding f'soċjetà

nazzjonali jingħata valur iktar baxx meta pparagunat ma' holding f'soċjetà barranija stabbilita fi Stat Membru. Id-domanda għandha ssir hekk:

"Il-fatt li, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ishma mhux ikkwotati ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju, holding f'soċjetà barranija stabbilita fi Stat Membru ieħor jiġi vvalutat billi jiġu inklużi r-redditi probabbli tagħha, imur kontra d-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikoli 52 u 58 tat-Trattat KEE/Trattat KE, li saru l-Artikoli 43 KE u 48 KE?"

27. Il-Finanzamt jipproponi r-risposta segwenti:

"Ir-risposta għad-domanda preliminari hija li l-fatt li, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ishma mhux ikkwotati ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju, holding f'soċjetà barranija stabbilita fi Stat Membru ieħor jiġi vvalutata billi jiġu inklużi r-redditi probabbli tagħha, ma jmurx kontra d-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikoli 52 u 58 tat-Trattat KEE/Trattat KE, li saru l-Artikoli 43 KE u 48 KE."

28. Il-Gvern Ġermaniż isostni wkoll li, għalkemm id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-valutazzjoni tal-holdings f'soċjetajiet nazzjonali u barranin huma differenti, il-valur parzjali li għandu jiġi ffissat fil-kuntest tal-valutazzjoni individwali b'mod ġenerali jikkorrispondi, komplessivament, għall-valur tas-suq rilevanti għal holding f'soċjetajiet barranin. Fl-aħħar mill-aħħar, il-proċedura ta' valutazzjoni tal-holdings nazzjonali xxaqleb, permezz ta' korrettivi speċifiċi tad-diversi pożizzjonijiet tal-karta tal-bilanċ, lejn valur komparabbli għall-valur tas-suq.

29. Fir-rigward tal-holding f'WBC, il-possibbiltà li jiġu invokati l-libertajiet fundamentali hija eskluża għaliex ir-Repubblika tal-Awstrija ilha membru tal-Komunitajiet Ewropej biss mill-1995. Fir-rigward tal-Ftehim ŻEE, dan daħal fis-seħħ biss fl-1994.

30. Fir-rigward tal-holding f'HBE, il-libertà ta' stabbiliment ma tistax tiġi kkunsidrata f'dan il-każ, billi l-impenji tar-rikorrenti fi Spanja ma jaqgħux fl-ambitu tal-eżerċizzju ta' din il-libertà, iżda pjuttost huma sempliċi investiment ta' kapital fil-kuntest tal-moviment liberu tal-kapital. Bil-fatt li għandha holding f'HBE bħala soċju akkomandant, ir-rikorrenti m'għandhiex influwenza ċerta fuq l-attività tas-soċjetà Spanjola iżda għall-

kuntrarju hija eskluża mill-proċess deċiżjonali u mir-rappreżentazzjoni tal-kumpannija fir-rigward ta' terzi. Issa l-Gvern Ġermaniż isostni li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-libertà ta' stabbiliment tista' tiġi invokata biss f'każ fejn ċittadin tal-Istat Membru kkonċernat ikollu holding fil-kapital ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, li jippermettilu jeżerċita influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' din il-kumpannija u jiddetermina l-attivitajiet tagħha.

31. Sussidjarjament, wara li fakkar li, skontu, ma teżisti ebda diskriminazzjoni reali peress li l-prinċipji għall-valutazzjoni tal-holdings f'soċjetajiet nazzjonali u barranin mhumiex fundamentalment differenti, il-Gvern Ġermaniż jgħid ukoll li, fi kwalunkwe każ, diskriminazzjoni bħal din tkun ġustifikata. Għall-valutazzjoni ta' holdings f'soċjetajiet barranin, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-assi tan-negozju nazzjonali hija eskluża, peress li l-bażijiet tal-valutazzjoni korrispondenti, bħall-valuri parzjali jew il-valuri ma jkunux disponibbli. Minflok, jintuża l-valur tas-suq tal-holdings.

32. Il-Gvern Ġermaniż jikkunsidra li hemm lok li tingħata r-risposta segwenti għad-domanda preliminari:

"Il-fatt li, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ishma mhux ikkwotati ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju, holding f'soċjetà nazzjonali jingħata valur iktar baxx minn dak ta' holding f'soċjetà fi Stat Membru ieħor, la jmur kontra d-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikoli 52 u 58 tat-Trattat KEE u lanqas kontra l-Artikolu 67 tat-Trattat KEE".

33. Fir-rigward tal-holding ta' HBV f'HBE, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej issostni li, skont il-ġurisprudenza, il-libertà ta' stabbiliment tapplika biss meta l-operatur ekonomiku kkonċernat ikollu holding li jagħtih influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpannija l-oħra u għaldaqstant jippermettilu jiddetermina l-attivitajiet tagħha. Issa d-deċiżjoni tar-rinviju tillimita ruħha li tispeċifika li HBV hija s-"soċju akkomandant" ta' HBE u ma tippermettix li jkun magħruf b'ċertezza jekk ir-rikorrenti tistax tiddetermina l-attivitajiet ta' HBE. Madankollu jeżistu, skont il-Kummissjoni, indizji favur din l-ipoteżi, li fuqha hija tibbaża ruħha, fin-nuqqas ta' provi kuntrarji.

34. Fir-rigward tan-natura tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 52 tat-Trattat, il-Kummissjoni tirreferi għall-ġurisprudenza li skontha din id-dispożizzjoni ma tiżgurax biss il-benefiċċju tat-trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti, iżda tipprojbixxi wkoll lill-Istat tal-oriġini milli jxekkel l-istabbiliment fi Stat Membru ieħor ta' wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew ta' kumpannija stabbilita skont

il-leġiżlazzjoni tiegħu. L-eżerċizzju ta' din il-libertà jkun imxekkel meta l-istabbiliment fi Stat Membru ieħor jiġi suġġett għal kundizzjonijiet fiskali iktar sfavorevoli minn stabbiliment simili ġewwa l-pajjiż, għaliex dan jista' jiddisswadi lill-operatur ekonomiku kkonċernat milli joħloq stabbiliment fi Stat Membru ieħor. Issa din hija effettivament is-sitwazzjoni f'dan il-każ. L-ishma fil-kapital tar-rikorrenti huma suġġetti għal trattament differenti fir-rigward tat-taxxa fuq il-kapital skont jekk ir-rikorrenti stess għandhiex holding f'soċjetà fil-Ġermanja jew fi Stat Membru ieħor, peress li l-piż fiskali huwa ogħla f'dan il-każ tal-aħħar milli f'tal-ewwel.

35. Barra minn hekk, ir-restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment mhijiex ġustifikata minn għan leġittimu kompatibbli mat-Trattat. Għandu jiġi kkonfermat lill-qorti tar-rinviju li ż-żewġ motivi li hija stess eżaminat, jiġifieri dak tal-koerenza tas-sistema fiskali u dak dwar id-diffikultatijiet prattiċi ta' natura amministrattiva, mhumiex validi.

36. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni mal-moviment liberu tal-kapital, il-Kummissjoni tikkunsidra li hija kienet kompatibbli, fiż-żmien meta seħħew il-fatti, mad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju f'dan il-qasam.

37. Fir-rigward tal-holding ta' HBV f'WBC, il-Kummissjoni tgħid li billi, fis-sena fiskali 1988, ir-Repubblika tal-Awstrija kienet għadha ma saritx membru tal-Komunità, u l-Ftehim ŻEE kien għadu ma ġiex iffirmat, la l-libertà ta' stabbiliment skont l-Artikolu 52 tat-Trattat KEE u lanqas id-dispożizzjoni korrispondenti tal-Artikolu 31 tal-Ftehim ŻEE ma kienu applikabbli għall-valutazzjoni tal-ishma fil-kapital tal-WBC.

38. Il-Kummissjoni tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' u tiddeċiedi li:

Id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikoli 52 u 58 tat-Trattat jipprojbixxu li, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ishma mhux ikkwotati ta' kumpannija b'kapital azzjonarju għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kapital, jingħata valur ogħla lill-holding ta' din tal-aħħar fil-kapital ta' soċjetà fi Stat Membru ieħor milli lill-holding tagħha f'soċjetà ġewwa l-pajjiż.

## V — Evalwazzjoni

39. Il-preżentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża rilevanti għall-kawża preżenti tagħti lok għal diverġenzi bejn il-partijiet. B'mod partikolari, il-Finanzamt jindika fil-punt 3.2 tal-osservazzjonijiet tiegħu li l-qorti tar-rinviju hija żbaljata dwar ir-riperkussjonijiet

tas-sistema Ġermaniża ta' valutazzjoni tal-ishma tar-rikorrenti, u li la hemm diskriminazzjoni diretta u lanqas indiretta, billi, minn perspettiva fiskali, l-elementi tar-redditu jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm għall-holdings nazzjonali kif ukoll għall-holdings barranin.

40. Għandu jiġi mfakkar li mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni u fuq l-applikabbiltà ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew tistabbilixxi l-fatti rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali. Fil-fatt, fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati Komunitarji u dawk nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest fattwali u leġiżlattiv li fih tidħol id-domanda preliminari, kif definit mid-deċiżjoni tar-rinviju. Dan japplika wkoll f'każ ta' preżentazzjoni inkorretta tad-dritt nazzjonali mill-qorti tar-rinviju [6]. Għalhekk jeħtieġ li tiġi eżaminata d-domanda preliminari fil-kuntest fattwali u leġiżlattiv definit mill-Finanzgericht Hamburg fid-deċiżjoni tar-rinviju tiegħu.

41. Skont din il-preżentazzjoni, filwaqt li, fil-kuntest tal-valutazzjoni ta' ishma ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju mhux ikkwotati għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-taxxa fuq il-kapital, il-valutazzjoni tal-holdings f'soċjetajiet nazzjonali ssir fuq il-bażi tal-valur tal-assi tagħhom, il-valutazzjoni tal-holdings f'soċjetajiet barranin issir fuq il-bażi tal-valur tas-suq tagħhom, jiġifieri, fit-tieni każ, ir-redditi probabbli tal-kumpannija kkonċernata jiżdiedu mal-valur tal-assi.

42. Il-libertà ta' stabbiliment, li l-Artikolu 43 KE jagħti liċ-ċittadini Komunitarji u li tinkludi d-dritt li jibdew u jeżerċitaw attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom, kif ukoll li jikkostitwixxu u jmexxu impriżi, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati fil-liġi tal-Istat Membru ta' stabbiliment għaċ-ċittadini tiegħu stess, tinkludi, skont l-Artikolu 48 KE, għall-kumpanniji stabbiliti skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat jew it-tmexxija ċentrali jew is-sede prinċipali tagħhom ġewwa l-Komunità Ewropea, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat permezz ta' kumpannija sussidjarja, fergħa jew aġenzija [7].

43. Skont ġurisprudenza stabbilita, din id-dispożizzjoni ma tiżgurax biss il-benefiċċju tat-trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti, iżda tipprojbixxi wkoll lill-Istat tal-

6 — Sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2001, Ambulanz Glöckner (C-475/99, Ġabra p. I-8089, punt 10) u tat-13 ta' Novembru 2003, Neri (C-153/02, Ġabra p. I-13555, punti 34 sa 36).

7 — B'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1999, Saint-Gobain ZN (C-307/97, Ġabra p. I-6161, punt 35); tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer (C-446/03, Ġabra p. I-10837, punt 30); tat-23 ta' Frar 2006, Keller Holding (C-471/04, Ġabra p. I-2107, punt 29); u tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, Ġabra p. I-7995, punt 41).

oriġini milli jxekkel l-istabbiliment fi Stat Membru ieħor ta' wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew ta' kumpannija stabbilita skont il-leġiżlazzjoni tiegħu [8].

44. L-eżerċizzju ta' din il-libertà jkun imxekkel b'mod partikolari meta l-istabbiliment fi Stat Membru ieħor jiġi suġġett għal kundizzjonijiet fiskali iktar sfavorevoli minn stabbiliment simili ġewwa l-pajjiż, għaliex dan jista' jiddisswadi lill-operatur ekonomiku kkonċernat milli joħloq stabbiliment fi Stat Membru ieħor [9].

45. L-Artikolu 43 KE jimponi t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment u l-obbligu li jiġu kkunsidrati bħala restrizzjonijiet bħal dawn, il-miżuri kollha li jipprojbixxu, jimpedixxu jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju ta' din il-libertà [10].

46. Barra minn hekk, fl-istat preżenti tad-dritt Komunitarju, għalkemm it-tassazzjoni diretta ma taqax bħala tali fil-kompetenza tal-Komunità, jibqa' l-fatt li l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi li żammew b'mod konformi mad-dritt Komunitarju [11].

47. F'dan il-każ, l-ishma fil-kapital ta' HBV huma suġġetti għal trattament differenti fir-rigward tat-taxxa fuq il-kapital skont jekk ir-rikorrenti stess għandhiex holding f'soċjetà fil-Ġermanja jew fi Stat Membru ieħor. Il-piż fiskali huwa għola f'dan il-każ tal-aħħar milli f'tal-ewwel.

48. Peress li hija wkoll ġurisprudenza stabbilita [12] li l-libertà ta' stabbiliment tapplika f'każ fejn ċittadin tal-Istat Membru kkonċernat ikollu holding fil-kapital ta' kumpannija stab-

8 — B'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 1998, ICI (C-264/96, Ġabra p. I-4695, punt 21); tal-21 ta' Novembru 2002, X u Y (C-436/00, Ġabra p. I-10829, punt 26); tat-13 ta' April 2000, Baars (C-251/98, Ġabra p. I-2787, punt 28); tal-14 ta' Settembru 2000 AMID (C-141/99, Ġabra p. I-11619, punt 21); Marks & Spencer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 31; Keller Holding, iċċitata iktar 'il fuq, punt 30; u Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42.

9 — Ara r-referenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

10 — B'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Jannar 2002, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-439/99, Ġabra p. I-305, punt 22, u tas-17 ta' Ottubru 2002, Payroll *et* (C-79/01, Ġabra p. I-8923, punt 26).

11 — Sentenzi tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker (C-279/93, Ġabra p. I-225, punt 21); tad-29 ta' April 1999, Royal Bank of Scotland (C-311/97, Ġabra p. I-2651, punt 19); tas-26 ta' Ottubru 1999, Eurowings Luftverkehrs AG vs Finanzamt Dortmund-Unna (C-294/97, Ġabra p. I-7447, punt 32); tas-7 ta' Settembru 2004, Manninen (C-319/02, Ġabra p. I-7477, punt 19); Marks & Spencer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29; u Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40.

12 — B'mod partikolari, is-sentenzi Baars, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22; tal-5 ta' Novembru 2002, Überseering (C-208/00, Ġabra p. I-9919, punt 77); X u Y, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37; tat-8 ta' Ġunju 2004, De Baeck (C-268/03, Ġabra p. I-5961, punti 25 u 26); Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, iċċitata iktar 'il fuq, punt 31; tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 27); u tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-112/05, Ġabra p. I-8995, punt 13).

bilita fi Stat Membru ieħor, li jippermettilu jeżerċita influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' din il-kumpannija u jiddetermina l-attivitajiet tagħha [13], għandu jiġi eżaminat jekk il-libertà ta' stabbiliment għandhiex tapplika għaż-żewġ soċjetajiet ikkonċernati.

49. Dwar WBC, kif jirrilevaw il-qorti tar-rinviju, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni, ma jista' jingħad li hemm ebda ksur tal-libertà ta' stabbiliment għas-sena 1988, billi r-Repubblika tal-Awstrija ilha tifforma parti mill-Unjoni Ewropea biss mill-1 ta' Jannar 1995; fir-rigward tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea konkluż mar-Repubblika tal-Awstrija, dan daħal fis-seħħ biss fl-1 ta' Jannar 1994 [14]. Minn dan isegwi li la l-libertà ta' stabbiliment skont l-Artikolu 43 KE u lanqas id-dispożizzjoni korrispondenti tal-Artikolu 31 tal-Ftehim ŻEE ma kienu applikabbli għall-valutazzjoni tal-ishma fil-kapital tal-WBC.

50. Filwaqt li l-qorti tar-rinviju tispeċifika li HBV akkwistat l-ishma kollha ta' WBC, hija ma tagħti l-ebda dettalji għal dak li jikkonċerna l-ishma ta' HBE. Ir-rikorrenti madankollu ssostni li dan huwa wkoll il-każ għal din il-kumpannija. Issa l-Qorti tal-Ġustizzja indikat, f'sentenza tat-13 ta' April 2000, li holding ta' persuna taxxabbli li jammonta għal 100 % tal-kapital ta' kumpannija li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor mingħajr ebda dubju jdaħħal lil din il-persuna taxxabbli fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar id-dritt ta' stabbiliment [15].

51. Skont il-kundizzjoni, imsemmija iktar 'il fuq, li, sabiex japplika l-prinċipju tal-libertà ta' stabbiliment, kumpannija li jkollha ishma ta' kumpannija oħra għandu jkollha l-possibbiltà li teżerċita influwenza ċerta u li tiddetermina l-attivitajiet tal-kumpannija li fiha għandha l-ishma, huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, is-soċju akkomandant huwiex f'pożizzjoni li jiddetermina l-attivitajiet tas-soċjetà. Għal dan il-għan, għandha ssir referenza għar-regoli tad-dritt nazzjonali dwar is-soċjetà inakkomandita [16]. Il-kawża preżenti hija kkaratterizzata mill-fatt li, filwaqt li s-soċju akkomandant huwa stabbilit fil-Ġermanja, is-soċjetà hija stabbilita fi Spanja.

52. Skont l-Artikolu 164 tal-Kodiċi tal-Kummerċ Ġermaniż, (Handelsgesetzbuch, iktar 'il quddiem l-"HGB"), is-soċji akkoman-

13 — Fil-fatt, jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 52 tat-Trattat li l-libertà ta' stabbiliment jinkludi d-dritt li jiġu kkostitwiti u mmexxija impriżi u b'mod partikolari kumpanniji fi Stat Membru minn ċittadini ta' Stat Membru ieħor (sentenza Baars, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22).

14 — Ara r-referenzi tal-ftehim fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

15 — Sentenza Baars, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21. Dak ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari kien jirrigwarda l-leġiżlazzjoni Olandiża dwar it-taxxa fuq il-kapital; skont din il-leġiżlazzjoni, holding sostanzjali f'impriża huwa eżenti mit-taxxa fuq il-kapital, sa ċertu punt, meta l-impriża hija stabbilita fl-Olanda. Issa r-rikorrent fil-kawża prinċipali kien ċittadin Olandiż li kien residenti l-Olanda u kien l-uniku azzjonist ta' kumpannija stabbilita fl-Irlanda.

16 — F'dan is-sens, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Alber ippreżentati fl-14 ta' Ottubru 1999, fil-kawża Baars, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33.

danti huma esklużi mit-tmexxija tan-negozju tas-soċjetà [17]; huma jistgħu jopponu att tas-soċji personalment responsabbli biss jekk dan jeċċedi l-limiti tat-tmexxija ordinarja tal-attività kummerċjali tas-soċjetà [18]. L-Artikolu 170 tal-HGB jipprovdi li s-soċju akkomandant mhuwiex awtorizzat jirrappreżenta lis-soċjetà [19].

53. Peress li s-soċjetà hija stabbilita fi Spanja, jeħtieġ l-iktar li jiġi eżaminat id-dritt Spanjol. Il-leġiżlazzjoni Spanjola dwar is-soċjetà inakkomandita sempliċi [20] tikkonsisti b'mod partikolari fl-Artikoli 145 sa 150 tal-Kodiċi tal-Kummerċ [21]. Skont l-Artikolu 127 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, is-soċji solidali huma responsabbli, personalment u solidalment, għar-riżultati tal-attivitajiet tal-kumpannija. Filwaqt li r-responsabbiltà tas-soċji solidali hija illimitata, ir-responsabbiltà tas-soċji akkomandanti hija limitata għall-kontribuzzjoni stipulata fil-ftehim tas-soċjetà, li tikkostitwixxi wieħed mid-doveri ewlenin tagħhom [22]. L-Artikolu 148 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jipprovdi li s-soċji akkomandanti ma jistgħux iwettqu atti ta' amministrazzjoni tal-interessi tas-soċjetà, lanqas bħala mandatarji tas-soċji responsabbli mit-tmexxija tas-soċjetà [23]. Is-soċji akkomandanti huma għalhekk eskluzi mit-tmexxija tas-soċjetà; jekk soċju akkomandant iwettaq atti ta' amministrazzjoni, jista' jiġi mkeċċi mis-soċjetà [24]. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 147 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, l-isem kollettiv jikkostitwixxi l-isem tas-soċjetà, li fih ma jistgħux jiġu inklużi l-ismijiet tas-soċji akkomandanti [25]. Għalhekk, jekk soċju akkomandant jinkludi ismu fl-isem tas-soċjetà, huwa jkun responsabbli fil-konfront ta' terzi, mingħajr madankollu ma jikseb iktar drittijiet minn dawk li jikkorrispondu għall-kwalità tiegħu ta' soċju akkomandant [26].

54. Minkejja din il-projbizzjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-isem "Bauer" jidher kemm f'isem is-soċju akkomandant, "Heinrich Bauer Verlag Beteiligungs GmbH", kif ukoll f'isem is-soċjetà, "Bauer Ediciones Sociedad

17 — L-istess japplika, pereżempju, fid-dritt Franċiż; l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 28 tal-Kodiċi tal-Kumpanniji jgħid li "is-soċju akkomandant ma jista' jagħmel l-ebda att ta' tmexxija esterna, lanqas permezz ta' prokura". Il-paragrafu segwenti jipprovdi li, "f'każ ta' ksur tal-projbizzjoni prevista fil-paragrafu preċedenti, is-soċju akkomandant huwa marbut solidalment mas-soċji solidali, għad-dejn u għall-obbligi tas-soċjetà li jirriżultaw mill-atti pprojbiti [...]".

18 — Artikolu 164 tal-HGB: "Is-soċji akkomandanti huma esklużi mit-tmexxija tan-negozju tas-soċjetà; huma jistgħu jopponu att tas-soċji personalment responsabbli biss jekk dan jeċċedi l-limiti tat-tmexxija ordinarja tal-attività kummerċjali tas-soċjetà [...]".

19 — Artikolu 170 tal-HGB: "Is-soċju akkomandant mhuwiex awtorizzat jirrappreżenta lis-soċjetà".

20 — Ara, pereżempju, C. Paz-Ares, "La sociedad en comandita", f'*Curso de derecho mercantil* (Uría, R., u Menéndez, A.), 1999, p. 703 sa 734 (ara b'mod partikolari p. 712 fuq ir-raġunijiet għall-esklużjoni tas-soċju akkomandant mit-tmexxija prevista fl-Artikolu 148 tal-Kodiċi tal-Kummerċ) u l-biblijografija ċċitata mill-awtur; "Sociedad comanditaria simple", f'*Memento Práctico Lefebvre, Sociedades Mercantiles*, 2000-2001, p. 359 sa 362.

21 — Kif ukoll fl-Artikoli 209 sa 221 tar-Regoli tar-Reġistru tal-Kummerċ approvati permezz ta' Digriet Irjali tal-1996, approvat permezz tad-Digriet Irjali 1784/1996, tad-19 ta' Lulju 1996 (*Boletín Oficial del Estado* tal-31 ta' Lulju 1996).

22 — Artikoli 170 u 218 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Meta s-soċju akkomandant ma jissodisfax dan l-obbligu, is-soċjetà tista' tagħżel bejn li teżiġi l-ħlas tal-ammont stipulat permezz ta' azzjoni ġudizzjarja jew li tħassar parzjalment il-ftehim tas-soċjetà għal dak li jikkonċerna l-imsemmi soċju.

23 — Artikolu 148, *in fine*, tal-Kodiċi tal-Kummerċ: "Los socios comanditarios no podrán hacer acto alguno de administración de los intereses de la compañía, ni aun en calidad de apoderados de los socios gestores".

24 — Artikolu 218 tal-Kodiċi tal-Kummerċ: "Habrá lugar a la rescisión parcial del contrato de compañía mercantil colectiva o en comandita por cualquiera de los motivos siguientes: [...] Por injerirse en funciones administrativas de la compañía el socio a quien no compete desempeñarlas, según las condiciones del contrato de sociedad".

25 — Artikolu 147 tal-Kodiċi tal-Kummerċ: "Este nombre colectivo constituirá la razón social, en la que nunca podrán incluirse los nombres de los socios comanditarios". Ara C. Paz-Ares, R. Uría, u A. Menéndez, *Curso de Derecho Mercantil*, Madrid 1999, p. 718.

26 — Ara C. Paz-Ares, R. Uría, u A. Menéndez, *Curso de Derecho Mercantil*, Madrid 1999, p. 718.

en Commandita". Mingħajr dubju, sabiex jiġi sodisfatt l-Artikolu 147 tal-kodiċi tal-Kummerċ Spanjol, m'għandhiex tkun l-istess persuna fiżika "Bauer". Madankollu nistgħu nimmaġinaw li teżisti rabta ta' parentela bejn iż-żewġ persuni fiżiċi li għandhom dan il-kunjom [27], u nikkunsidraw li HBV teżerċita, għall-inqas, tmexxija *de facto* ta' HBE. Għalhekk HBV tabilħaqq tidher li hija f'pożizzjoni li teżerċita influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' HBE u li tiddetermina l-attivitajiet tagħha. Barra minn hekk, fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorrenti fakkret li HBV tippossjedi 100 % tal-holdings ta' HBE, u indikat b'mod ċar li s-Sur Bauer effettivament jiżgura t-tmexxija ta' HBE.

55. Huma x'inhuma d-diverġenzi bejn il-partijiet fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali Ġermaniżi dwar it-taxxa fuq il-kapital, għandu jiġi kkonstatat li l-ishma fil-kapital tar-rikorrenti huma suġġetti għal trattament differenti fir-rigward tat-taxxa fuq il-kapital skont jekk ir-rikorrenti stess għandhiex holding f'soċjetà fil-Ġermanja jew fi Stat Membru ieħor. Il-piż fiskali huwa ogħla f'dan il-każ tal-aħħar milli f'tal-ewwel. Barra minn hekk, fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Finanzamt irrikonoxxa li tista' tingħata biss risposta pożittiva għad-domanda, kif magħmula mill-qorti tar-rinviju [28].

56. Il-Finanzamt isostni li t-trattament fiskali tar-rikorrenti ma jqegħdhiex fi żvantaġġ fil-konfront ta' impriżi komparabbli li għandhom holdings f'soċjetajiet nazzjonali u li, f'dawn iż-żewġ gruppi, ir-riżultat miksub għall-finijiet tal-valutazzjoni huwa identiku.

57. Madankollu, hemm differenza sinjifikattiva bejn iż-żewġ metodi ta' kalkolu; fil-każ tal-ishma ta' HBV f'HBE, il-metodu ta' kalkolu sostnut mill-Finanzamt kważi jirdoppja r-riżultat. Dwar jekk din id-differenza għandhiex tiġi kkunsidrata li hija sinjifikattiva jew le, għandu jiġi mfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, anke restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment ta' portata limitata jew ta' importanza żgħira hija pprojbita mill-Artikolu 43 KE [29].

58. Restrizzjoni bħal din tista' tkun ġustifikata biss jekk tħaddan għan leġittimu kompatibbli mat-Trattat u twieġeb għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Barra minn hekk,

27 — Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika dan il-punt, jekk ikun hemm bżonn, billi pereżempju titlob li jiġu prodotti l-istatuti ta' assoċjazzjoni ta' HBV u ta' HBE. Fil-fatt, fil-kuntest ta' proċeduri taħt l-Artikolu 234 KE, li huma bbażati fuq separazzjoni netta tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, kull evalwazzjoni tal-fatti tal-kawża taqa' fil-kompetenza tal-qorti nazzjonali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Frar 2003, IKA, C-326/00, Ġabra p. I-1703, punt 27, u tal-11 ta' Marzu 2004, Hughes de Lasteyrie du Saillant vs Il-Ministeru tal-Ekonomija, C-9/02, Ġabra p. I-2409, punt 41). Is-sentenza X u Y, iċċitata iktar 'il fuq, għalhekk indikat, fil-punt 37, li "hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk din il-kundizzjoni [dwar l-influwenza ċerta] hijiex sodisfatta fil-kawża prinċipali". F'dan is-sens ukoll, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger ippreżentati fit-2 ta' Mejju 2006, fil-kawża Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, punt 50.

28 — Ara, iktar 'il fuq, punt 62.

29 — Sentenzi tat-28 ta' Jannar 1986, Il-Kummissjoni vs Franza (270/83, Ġabra p. 273, punt 21); tal-15 ta' Frar 2000, Il-Kummissjoni vs Franza (C-34/98, Ġabra p. I-995, punt 49); u de Lasteyrie du Saillant, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43.

din ir-restrizzjoni għandha tkun xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan inkwistjoni u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan [30].

59. Kif ikkunsidrat il-qorti tar-rinviju, u kif issostni l-Kummissjoni, eventwali ġustifikazzjonijiet relatati mal-koerenza tas-sistema fiskali jew ma' diffikultajiet prattiċi ta' natura amministrattiva m'għandhomx jiġu aċċettati.

60. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li n-neċessità li tiġi ggarantita l-koerenza tas-sistema fiskali tista' tiġġustifika restrizzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat [31], bil-kundizzjoni madankollu li teżisti rabta diretta bejn l-għoti ta' vantaġġ fiskali u t-tpaċija ta' dan il-vantaġġ permezz ta' imposta fiskali fuq l-istess persuna taxxabbli [32]. Issa, f'dan il-każ partikolari, ma jeżistix vantaġġ fiskali direttament marbut mat-tpaċija ta' dan il-vantaġġ permezz ta' imposta fiskali [33].

61. Fir-rigward ta' eventwali diffikultajiet prattiċi ta' natura amministrattiva sabiex jiġi kkalkulat il-valur tal-holdings f'kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra, għandha tiġi mfakkra, kif għamlu HBV u l-Kummissjoni, l-eżistenza tad-Direttiva 77/799 rigward l-assistenza reċiproka tal-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tat-taxxi diretti u dawk fuq il-valur miżjud fl-Istati Membri [34], li, skont l-Artikolu 1(1) tagħha, tapplika wkoll għat-taxxa fuq il-kapital [35]. Hija tipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor jipprovdulhom l-informazzjoni kollha li tista' tippermettilhom jistabbilixxu l-ammont korrett tat-taxxa [36].

62. Fl-aħħar nett, għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mal-moviment liberu tal-kapital, li dwarha l-qorti tar-rinviju m'għamlitx domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja iżda l-parti l-kbira tal-partijiet jikkunsidraw li huwa neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu pożizzjoni, għandu sempliċement jiġi kkonstatat li din il-libertà ma tapplikax, *ratione temporis*, għal dan il-każ.

30 — Sentenzi tal-15 ta' Mejju 1997, Futura Participations u Singer (C-250/95, Ġabra p. I-2471, punt 26); de Lasteyrie du Saillant, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49; Marks & Spencer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 35; tal-14 ta' Settembru 2006, Centro di Musicologia Walter Stauffer (C-386/04, Ġabra p. I-8203, punt 32), u Cadbury Schweppes et Cadbury Schweppes Overseas, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47.

31 — Sentenzi tat-28 ta' Jannar 1992, Bachmann (C-204/90, Ġabra p. I-249, punt 28); tat-28 ta' Jannar 1992, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-300/90, Ġabra p. I-305, punt 21), u Baars, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37.

32 — Sentenza Centro di Musicologia Walter Stauffer, iċċitata iktar 'il fuq, punti 53 u 54.

33 — Filwaqt li, fil-kawżi Bachmann u Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq, kien hemm rabta diretta bejn it-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet imħallsa fil-kuntest ta' kuntratti ta' assigurazzjoni għall-anzjanità u fuq il-ħajja u t-tassazzjoni ta' somom riċevuti ineżekuzzjoni tal-imsemmija kuntratti, rabta li kien jeħtieġ li tinżamm sabiex titħares il-koerenza tas-sistema fiskali inkwistjoni, l-ebda rabta diretta ta' din in-natura ma kienet teżisti, fil-kawża Baars, li kienet tirrigwarda żewġ tassazzjonijiet distinti li laqtu lil persuni taxxabbli differenti.

34 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5,

35 — "B'mod koformi mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jibdlu kull informazzjoni li tista' tippermettilhom li jagħmlu stima korretta ta' taxxi fuq id-dħul u fuq il-kapital".

36 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq Schumacker, C-279/93, punt 45, u Futura Participations u Singer, punt 41.

63. Il-kawża prinċipali tikkonċerna s-sena fiskali 1988, jiġifieri sitwazzjoni fattwali u ġuridika preċedenti kemm għall-introduzzjoni mit-Trattat UE tal-Artikolu 73b fit-Trattat KE, kif ukoll għall-adozzjoni u għaddħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1988, għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat [37], li wettqet il-liberalizzazzjoni sħiħa tal-movimenti tal-kapital.

64. L-Artikolu 67(1) tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 67(1) tat-Trattat KE, u li sussegwentement ġie mħassar mit-Trattat ta' Amsterdam) ma implikax, mat-tmiem tal-perijodu tranżitorju, it-tneħħija tar-restrizzjonijiet għall-movimenti tal-kapital [38]. Din it-tneħħija kienet ir-riżultat ta' direttivi tal-Kunsill adottati abbażi tal-Artikolu 69 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 69 Trattat KE, u li sussegwentement ġie mħassar mit-Trattat ta' Amsterdam) [39].

37 — ĠU L 178, p. 5.

38 — L-Artikolu 67 tat-Trattat KEE kien jipprovdi li:
"1. Matul il-perjodu transitorju u sal-limitu neċessarju għall-operat effettiv tas-suq komuni, l-Istati Membri għandhom jabolixxu, progressivament bejniethom, ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-kapital li jappartjeni lil persuni residenti fl-Istati Membri, kif ukoll kull trattament diskriminatorju minħabba ċittadinanza jew post ta' residenza tal-partijiet, jew tal-post fejn il-kapital jinsab investit.2. Il-pagamenti kurrenti konnessi mal-moviment tal-kapital bejn Stati Membri għandhom jiġu meħlusa minn kull restrizzjoni mhux iktar tard minn tmiem l-ewwel stadju."
L-Artikolu 69 tat-Trattat KEE kien jipprovdi li:
"Il-Kunsill b'vot unanimu matul l-ewwel żewġ stadji u mbagħad wara bil-maġġoranza kkwalifikata, fuq proposta tal-Kummissjoni, li għal dan il-għan għandha tikkonsulta l-Kumitat Monetarju imsemmi fl-Artikolu 105, għandu joħroġ id-direttivi neċessarji għall-implementazzjoni progressiva tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 67."

39 — Ara s-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1981, Casati (203/80, Ġabra p. 2595, punti 8 sa 13), u tal-14 ta' Novembru 1995, Svensson u Gustavsson (C-484/93, Ġabra p. I-3955, punt 5).

65. Fir-rigward tas-sena fiskali 1988, id-direttiva rilevanti kienet l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 1960, għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat [40], kif emendata u kkompletata l-aħħar darba mid-Direttiva tal-Kunsill 86/566/KEE, tas-17 ta' Novembru 1986 [41]. Din l-Ewwel Direttiva għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat kienet sempliċement tipprovdi, fl-Artikolu 1(1) tagħha, għall-għoti mill-Istati Membri tal-awtorizzazzjoni ta' kambju meħtieġ għall-konklużjoni jew għall-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet u għat-trasferimenti bejn residenti ta' Stati Membri konnessi ma' ċerti movimenti tal-kapital imsemmija fl-annessi tal-imsemmija direttiva.

66. Konsegwentement jidher li r-regoli fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital, applikabbli fid-data meta seħħew il-fatti tal-kawża prinċipali, jiġifieri fl-1988, ma kinux jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik f'dan il-każ, li skontha jingħata valur ogħla lill-assi ta' soċjetajiet li jinsabu fi Stati Memrbi oħra milli lil dawk ta' soċjetajiet tal-istess natura li jinsabu ġewwa l-pajjiż. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża preżenti għalhekk kienet kompatibbli, f'dak iż-żmien, mad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju dwar il-moviment tal-kapital [42].

40 — ĠU 1960, 43, p. 921.

41 — ĠU L 332, p. 22.

42 — Ara s-sentenza tal-21 ta' Frar 2006, Ritter-Coulais (C-152/03, Ġabra p. I-1711, punti 22 sa 27).

## VI — Konklużjoni

67. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi skont kif ġej għad-domanda magħmula mill-Finanzgericht Hamburg:

"L-Artikoli 52 tat-Trattat KEE (li, wara li ġie emendat, sar l-Artikolu 43 KE) u 58 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 48 KE) jipprekludu leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ishma mhux ikkwotati ta' kumpannija b'kapital azzjonarju, tagħti valur ogħla lill-holding ta' din tal-aħħar fil-kapital ta' soċjetà stabbilita fi Stat Membru ieħor milli lill-holding tagħha f'soċjetà stabbilita fl-Istat Membru kkonċernat".